# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Diċembru 2021**

**Talba Nru: 64/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 8**

**C. Fino & Sons Limited (C 2468)**

**Vs**

**Darleen Mintoff (ID 22591(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2019, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont ta' elfejn, sitta mija u sitta u erbgħin Ewro u żewġ ċenteżmi (€2,646.02) għar-raġunijiet aħjar imfissra fl-istess Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-Risposta għat-Talba tal-konvenuta ippreżentata fit-28 ta' Mejju 2019, permezz ta' liema l-konvenuta laqgħet għal dawn il-proċeduri b'eċċezzjonijiet ġenerali u li l-ammont kien ġie mħallas[2];

Ra n-nota kontenenti l-affidavit ta' Kevin Tabone u d-dokumenti anness miegħu[3];

Ra x-xhieda ta' Maria Theresa Mintoff u l-kontro-eżami ta' Kevin Tabone[4];

Ra n-nota spjegattiva tal-konvenuta[5];

Ra l-affidavit tal-konvenuta[6];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[7];

Sema' x-xhieda tal-konvenuta in kontro-eżami[8];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetá attriċi[9];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta[10];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[2] A fol 8 *et seq.*
[3] Nota tinsab a fol 13 tal-proċess.
[4] Seduta tal-31 ta' Jannar 2020. Xhieda ta' Maria Theresa Mintoff tibda a fol 37 tal-proċess. Kontro-eżami ta' Kevin Tabone jibda a fol 42 tal-proċess.
[5] A fol 50 tal-proċess.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 57 tal-proċess.
[7] A fol 65 tal-proċess.
[8] Seduta tat-3 ta' Ġunju 2021, erronjament (peress li digriet anterjuri ġie mdaħħal fil-proċess qabel din ix-xhieda meta dan ingħata wara) immarkata a fol 89 tal-proċess.
[9] Erronjament (minħabba l-istess żball imsemmi fin-nota 8) immarkata a fol 100.
[10] Erronjament immarkata bħala li tinsab a fol 107.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anki għaliex ix-xhieda ma ġietx mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Kevin Tabone permezz t'affidavit[11]. Jispjega li huwa jokkupa l-kariga ta' *Head of Finance & I.T. Department* fi ħdan is-soċjetá attriċi. Jgħid li fis-17 ta' Marzu 2014, l-konvenuta kienet ordnat ammont ta' mobbli mis-soċjetá attriċi. Jispjega li fil-5 ta' Novembru 2015 x-xogħol kollu kien ġie eżegwit u kkunsenjat. Jgħid li l-ammont globali kien ta' €18,245.71. Jgħid li l-bilanċ li kellu jitħallas kien ta' €4242.51. Jgħid li fil-ħin ta' l-aħħar konsenja, l-konvenuta ħallset biss l-ammont ta' €1,606.49 meta l-ammont kien ieħor, u ċioé ta' €2,646.02. Jgħid li wara dan l-aħħar pagament, is-soċjetá attriċi baqgħet titlob lill-konvenuta tirregola ruħa u tħallas l-ammont rimanenti. Jgħid li s-soċjetá attriċi rċeviet ittra mingħand il-konsulent legali tagħha tramite liema ġie indikat li l-ammont kien ġie imħallas. Jgħid li għalhekk kellha tinfetaħ din il-kawża.

Illi l-istess xhud xehed in kontro-eżami[12]. Hawnhekk jikkonferma li f'Diċembru s-soċjetá attriċi kienet irrealizzat b'dan l-iżball. Fil-fatt fis-sistema kien hemm miktub il-kliem *set off*. Jaqbel li fil-ħin li sar dan l-iżball, il-konvenuta kienet

---

[11] Xhieda tindab a fol 14 tal-proċess.
[12] Seduta tal-31 ta' Jannar 2020, xhieda tibda a fol 42 tal-proċess.

ħadet kollox. Ma setax jikkonferma meta sar kuntatt wara l-konvenuta wara Diċembru 2015. Ikkonferma wkoll ir-rendikont li kien ġie ppreżentat minnu. Dwar in-numri differenti fuq il-fatturi spjega li klijent ikun qiegħed l-ewwel jikkonferma ordni, imbagħad tinħareġ fattura b'numru ieħor. Għalkemm hemm imniżżel li xi kontro-eżami ulterjuri kien qiegħed jiġi riżervat, dan fil-veritá qatt ma tkompla.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet Maria Theresa Mintoff, omm il-konvenuta[13]. Essenzjalment, hawnhekk ikkonfermat id-dokument li kien l-aħħar konsenja li saret mis-soċjetá attriċi fejn ħallset hija stess permezz ta' ċekk. Tgħid li dan kien fl-ammont ta' disa' mija u tlettax Ewro (€913). Fil-ħin li sar dan il-pagament hija ġiet mitluba tiffirma dokument. Hija kkonfermat il-firma tagħha. Tgħid li sussegwentement il-ħaddiema reġgħu ġew sabiex jarmaw xi għamara oħra u ma ntqal l-ebda kliem fuq flus. Matul il-kontro-eżami, fl-istess seduta, tikkonferma li hija ma kinitx involuta fl-arranġamenti li kellha t-tifla tagħha mas-soċjeta' attriċi rigwardanti ħlasijiet. Qatt ma kellmet lis-soċjetá attriċi dwar pagamenti jew ammonti.

Illi l-konvenuta xehdet permezz t'affidavit[14]. Tispjega li ordnat diversi oġġetti mingħand is-soċjetá attriċi. Tgħid li kien valur totali t'aktar minn tmintax il-elf Ewro u dawn tħallsu fis-sena 2015. Tgħid li l-ewwel kuntatt dwar din il-kwistjoni kien biss sentejn wara. Spjegat il-proċedura tal-ħlas u meta dan kellu jsir. Skond hi, tgħid li kien hemm xi ammonti li tħallsu minnha li ma ġewx inseriti fis-sistema tas-soċjetá attriċi. Terġa tgħid li l-ittri rigwardanti dan il-bilanċ saru snin wara. Tagħmel referenza għar-rendikont li ma ġiex anness mal-affidavit tagħha. Ukoll, tagħmel referenza għal xi dokument ieħor, li wkoll ma ġiex anness. Tgħid li hija

[13] Xhieda kemm in eżami u kontro-eżami seħħet fil-31 ta' Jannar 2020, u tinsab a fol 37 tal-proċess.
[14] Fil-verità dan huwa vera kopja ta' kopja fotostatika.

dejjem ħallset kollox, kemm-il darba dan sar permezz ta' flus kontanti fis-*showroom* tas-soċjetá attriċi stess. Dwar l-aħħar pagament tgħid li hija kienet ġiet infurmata bl-ammont li kellu jitħallas minn *sales person* tas-soċjetá attriċi ftit jiem qabel. Dakinhar omma ppreparat ċekk għal dan l-ammont. Tgħid li kieku s-soċjetá attriċi kienu talbuha aktar, hija kienet tħallas aktar għaliex kienet taf x'ordnat. Tgħid li ġeneralment kienu nies tas-soċjetá attriċi li kienu jiġu d-dar tagħha, salv darba rigwardanti l-*kitchen top*. Dwar l-ammonti reklamati mis-soċjetá attriċi tgħid li hemm numru ta' diskrepanzi. Tgħid li hija m'għandha tagħti xejn u lis-soċjeta attriċi ma kinitx tistenna tant żmien sabiex titlob dan il-ħlas. Tgħid li hija qatt ma kienet ġiet infurmata li kien hemm żball fis-sistema.

Illi l-konvenuta xehdet ukoll in kontro-eżami[15]. Hawhhekk tispjega li hija taqbel mal-affarijiet li ġew ordnati, kif indikati mis-soċjetá attriċi f'dan il-proċess, iżda li n-numri tal-ordnijiet kienu differenti. Però l-oġġetti huma tajbin. Tikkonfemra li għamlet numru ta' pagamenti fi flus kontanti, iżda ma tiftakarx eżatt l-ammonti. Pagament partikolari, ma tiftakarx ta xiex kien. Dan kien ammont ta' €1188.50 Tispjega li l-pagamenti kienu jkunu l-ewwel fil-forma ta' depożitu, imbagħad l-ammont rimanenti jitħallas mal-kunsinna. Dwar il-€135, tgħid li dan ma kellux x'jaqsam mal-aħħar oġġetti, iżda tħallas fl-aħħar kunsinna, għalkemm kien jirreferi għad-differenza fil-kejl tal-*worktop* tal-kċina, meta l-kunsinna kienet tal-għamara tas-sodda. Tgħid peró li kienet taf x'inhuma l-ammonti li kellha tħallas. Tikkonferma li hija ħallset l-ammonti mitluba minnha. Tgħid li qatt ma ġiet infurmata bl-iżball fis-sistema. Tgħid li l-fatturi tagħha kienu dejjem imħallsa. Ma taqbilx li hemm xi diskrepanzi. In ri-eżami terġa' tikkonferma li l-ewwel kuntatt sar snin wara.

[15] Seduta tat-3 ta' Ġunju 2021, erronjament immarkata bħala li tibda a fol 89 tal-proċess.

Illi magħmul dan ir-riassunt fattwali, t-Tribunal jgħid mingħajr mistħija li ħaseb fit-tul fuq din il-kwistjoni. Kien propju għalhekk li ħa l-ħin tiegħu sabiex wasal għal din id-deċiżjoni.

Illi jirriżulta mhux kontradett li dak li nqala kien propju minħabba nuqqas da parti tas-sistema jew aħjar *modus operandi* tas-soċjetá attriċi. Dan qiegħed jingħad għaliex m'huwiex dubitat li l-ħtieġa ta' ħlas tal-bilanċ inqalgħet minħabba nuqqas fis-sistema elettronika tas-soċjetá attriċi li f'dan il-każ uriet mankanza kemxejn gravi. Dan il-fatt waħdu peró m'għandux iffisser lis-soċjetá attriċi m'hijiex intitolata għal-ħlas jekk jintwera li dan huwa dovut.

Illi b'mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta' provi hija ġrajja normali f'proċessi ta' dan it-tip. Meta jiġri hekk ġudikant għandu jkun prinċipalment gwidat b'żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta' forma ta' korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-ċertezza morali, iċ-ċaħda tat-talba[16]. Illi wkoll, irid jiġi mfakkar li parti fi proċeduri għandha tinduċi u twassal lil min huwa tenut jiġġudika sal-grad rikjest, u ċioé sal-grad taċ-ċertezza morali. Huma ħafna l-prinċipji ġenerali, li ġew ukoll diskussi mill-Qrati tagħna dwar dan il-punt[17]. Mhux kull kunflitt għandu jdejjaq

---

[16] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** (App Ċiv Nru: 290/2001) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Marzu 2004, fejn intqal hekk: *"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"."*

[17] Illi f'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Eucaristico Zamit vs Eustrachio Petrococchoni**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar 1952, fejn intqal hekk: *"Ir-relazzjoni tal-perit hi studjata, minuzjuża, u kull konklużjoni korrredata sewwa bi provi u konsiderazzjonijiet tekniċi. Hu veru li l-perit uża l-kelma probabili. Issa, hu elementari fl-amministrazzjonii tal-ġustizzua l-prinċipju hekk enunċjat mill-Powll "On Evidence", p. 487:- "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive probabilities. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty"; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical manl and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them"* Illi l-istess sentenza kompliet hekk:

lil min hu msejjaħ sabiex jagħti ġudizzju finali[18]. Ukoll, huwa aċċettat li wieħed jista' joqgħod ukoll fuq inferenzi li huma naturali u probabbli[19]. Finalment, l-oneru tal-prova f'proċess ġudizzjarju m'huwiex wieħed statiku[20].

---

*"Il-punt tal-Qorti hu għalhekk dan. Għalkemm il-perit uża l-kelma "probabbli" (aktarx hekk milli le), jidher ċar illi l-konvinzjoni tiegħu tammonta għal "moral certainty", bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitá, tant li qal li hu "żgur" li t-temperatura baxxa kienet il-kawża "prinċipali", u li "aktarx ma kienx hemm kawżi oħra". Kwindi l-konklużjoni tiegħu għandha titqies bħala konklużjoni li, skond il-prinċipji fuq enunċjat, kienet tkun suffiċjenti f'ġudizzju ċivili bħal dan. Vwoldiri illi, kieku l-perit kellu jimxi fuq il-prinċipju fuq espost, hu kien jgħid li kien iħoss dik il-"moral certainty", li hi effett, kif ingħad, tal-"balance of probabilities".*

[18] F'dan is-sens utli li ssir referenza, u li jiġi ċitat l-bran rilevanti b'mod globali, dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Novembru 1966. Issa, huwa minnu li partijiet minn dan il-bran ġie utilizzat diversi drabi mill-Qrati tagħna, iżda dan it-Tribunal iqis doveruż li, kif diġa indikat, jiċċita l-bran rilevanti kollu. Fis-sentenza intqal hekk: *" Illi huwa veru li hemm konflit kbir bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut iżda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu iħalli lill-Qorti f'dak li stat ta' perplessitá li minħabba fieħ ma tkunx tista tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa fuq ir-regola tal "in dubio pro reo". Il-konflitt fill-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għal li żbalji tal-perċezjonijiet tiegħu u għall passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati iridu ikunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad li "tot homines tot sententia", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarrieda, e.g. identita', veloċita', ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperienza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li ikunu setgħu ġew osservati f'periodu twil ta' snin, bħal f'dan il-kas, allura isir ċar li xi wieħed mill-kontendenti ikun ħalla l-interess u l-passjoni jelbuħ u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizja. Meta il-kas ikun hekk il-Qorti mgħandix taqa' ċomb fuq li skappatoja tad-dubju, imma għanda teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibitlita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitá u tal prepondereanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għal konvinċiment tal-ġudikant, eċċezzjoni ta' xi każijiet gravi li mgħandhomx rassomiljanza mal-kas presenti (Formosa untrinque, P.A. 1964, konfermata fl-Appell, 22 ta'Marzu 1965). Anzi f'kasijiet bħal dawn, ikbar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra ikbar tidher il-possibilitá tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*

[19] Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Borg pro et noe *vs Manager tal-Intrapriza tal-Ħalib*,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Lulju 1981 intqal hekk: "*Illi l-Qorti tagħna, peró, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jiddistingwu bejn il-prova li jeħtieġ li ssir fil-każ ta' kawża kriminali u l-prova li jeħtieġ li ssir f'kawża ċivili fis-sens illi fil-waqt illi f'kawża kriminali l-ħtija tal-akkużat trid tiġi pruvata "beyond reasonable doubt", f'kawża ċivili biżżejjed li ikun hemm "a moral certainty", ċertezza morali, f'moħħ il-ġudikant, iżda mhux biżżejjed li ikun hemm "a mere possibility". Din iċ-ċertezza morali għandha tigi bażata fuq fatti pruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabbilment jemerġi minn dawn il-fatti.*

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)**, (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu*

Illi madanakollu d-difiża tal-konvenuta li tgħid li ma tafx eżattament x'ħallset u fl-istess nifs tgħid li ħalset kollox m'humiex ta' għajnuna għaliha u hija verżjoni anqas verosimili.

Illi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, it-Tribunal ftit għandu xi jgħid. Fil-verità dawn huma sempliċiment eċċezzjonijiet ġeneriċi. Dan it-Tribunal diġa' kellu okkażjonijiet jitkellem dwar dan u għalhekk m'huwiex sejjer jirrepeti ruħu[21]. Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.

Illi permezz tat-tielet eċċezzjoni, il-konvenuta qiegħda tgħid li hija ħallset għas-saldu (l-eċċezzjoni tuża l-frażi full and final settlement) għalhekk ma hemm l-ebda ammont ieħor li għandu x'jitħallas. Issa dwar dan, fl-ewwel lok it-Tribunal jirrimarka li ma ngħatalu l-ebda dokument li juri li l-aħħar pagament kien fil-fatt wieħed għas-saldu. Fil-verità kien jispetta lill-konvenuta li tagħmel dan, għaliex *reus in excipiendo fit actor*[22]. Wara kollox, eċċezzjoni bħal talba, tibqa mera

---

*tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu."*

[21] Hawnhekk it-Tribunal iqis li għandu jagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal, diversament presedut fl-ismijiet **Catherine Cauchi vs Keith Seychell,** (Tlb Nru: 176/2019) mogħtija riċentement fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2021. Dan it-Tribunal jabbraċċja dak hemm awtorevolment deċiż dwar eċċezzjonijiet simili. Hekk fil-fatt sar fid-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Thomas Spagnol et vs Hicham Elsayed Gad Abdelhady et,** (Tlb Nru: 497/2018) deċiża nhar id-29 ta' Novembru 2021.

[22] Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: *"ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')."*

allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova[23]. Dan huwa aktar amplifikat bil-fatt li b'din l-eċċezzjoni, l-konvenut kienet qiegħda tallega l-pagament[24].

Illi madanakollu, anke li kieku vermanet intwera li dan l-aħħar pagament kien wieħed għas-saldu, għal dan it-Tribunal, li evalwa l-provi u kif ukoll kellu okkażżjoni jevalwa l-konvenuta waqt il-kontro-eżami[25], din id-difiża wkoll ma kinitx treġi għaliex mill-assjem tal-provi irriżulta ċar lis-soċjetá attriċi pprotestat

[23] Fis-sentenza fl-ismijiet **F. Advertising Limited vs Simon Attard et** (Appell Ċivili Nru: 866/2007/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-21 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilita` tal-provi hi dejjem mhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvinċenti".*

[24] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta plc vs H. Vassallo & Sons Ltd. et**, (App Ċiv Nru: 172/2004) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Frar 2008, fejn ċaħdet l-appell wara li l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet hekk: *"Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi 'la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1985 fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolt favur l-attur (Vol XXXV.iii.604)."*

[25] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li lewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament taxxhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda"*

diversi drabi mal-konvenuta li kien għad hemm bilanċ[26]. Huwa ben aċċettat li r-rinunzja ta' xi dritt trid tkun waħda ċara u inekwivoka[27]. Issa f'dan il-każ, it-Tribunal jifhem li għalkemm kien hemm dilungar da parti tas-soċjetá attriċi, kien ċar li hija ma kienet aċċettat l-ebda pagament għas-saldu u kienet qiegħda tippretendi li jitħallas dan il-bilanċ.

Illi dwar l-ammont mitlub, it-Tribunal iqis aktar verosimili dak li ntqal (jew aħjar ammess, stante li fil-verità kif diġa ntqal, din il-kwistjoni setgħet tiġi evitata jekk mhux għan-nuqqas t'apparat u sistema tajba tas-soċjetá attriċi) u ġie ppruvat fir-rendikonti eżebiti mis-soċjetá attriċi[28]. Jirriżulta li l-ammont mitlub huwa frott tal-fatt li l-ammont ta' €1323.01, ġie erronjament imniżżel kemm fil-kolonna intitolata Credit u Debit b'mod li kkanċellaw lil xulxin, mentri l-ammont kellu jiġi rdupjat u fil-fatt l-ammont mitlub huwa ta' €2646.02. Li ġara kien b'hekk li dan l-ammont tnaqqas erronjament mill-bilanċ li kien għadu dovut fil-ħin tal-aħħar kunsinna (li kien ammontanti għal €3559.51), biex b'hekk tħallas biss l-ammont ta' €913. Huwa propju għalhekk li hemm *discount* ta' .49c għaliex fil-verità anki bil-problema fis-sistema, l-ammont kellu jkun ta' €913.49c. L-ammont hawn mitlub huwa propju l-ammont bilanċjali ta' €1,188.50, magħdud mal-ammont ta' €1323.01 u l-ammont ta' €135.

Illi t-Tribunal huwa konvint li l-konvenuta kienet ben konxja tal-ammonti li kellha tħallas. Fil-verità hija stess fl-affidavit tagħha tgħid li kienet tħallas iktar jekk hekk mitluba tagħmel. Ċertament, tenut kont tal-ammont globali t'oġġetti u

---

[26] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Vella Group Limited vs George Grech et,** (App Ċiv Nru: 482/2013) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2017. Is-sentenza utilizzata mis-soċjetá attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ġiet riferuta wkoll f'din is-sentenza.
[27] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Attard vs Lawrence Fino et,** (App Ċiv Nru: 35/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 28 ta' Marzu 2008.
[28] Fol 34 u 35 tal-proċess.

xogħol magħmul, kien ukoll doveruż fuqha li tiddokumenta sew l-pagamenti magħmula minnha, speċjalment dawk magħmula bi flus kontanti.

Illi finalment irrid jingħad li l-konvenuta kienet hija wkoll kemxejn negliġenti bil-mod kif ippreżentat il-provi tagħha. Tassew, it-Tribunal għadu jara li ċertu grad ta' laxkezza li jidher li ħakem l-operat quddiem dan it-Tribunal matul is-snin għadu jimmanifesta ruħu[29]. Fl-ewwel lok, l-affidavit tagħha ma huwa xejn għajr kopja legali ta' kopja fotostatika tiegħu. Fit-tieni lok, dak l-affidavit għamel referenza għal dokumenti li kellhom jiġu annessi u li ma jiffurmawx parti mill-atti. It-Tribunal kien jiseptta ftit aktar attenzjoni jekk mhux aktar diliġenza għal dan.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont ta' elfejn, sitta mija u sitta u erbgħin Ewro u żewġ ċenteżmi (€2,646.02) bl-imgħax legali mis-27 ta' Marzu 2019[30].

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[29] Dan it-Tribunal, diversament presedut, ilu issa għal snin sħaħ jissenjala dan il-perikolu. Fost ħafna, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fil-provvediment **Vodafone Malta Limited vs Zisa Logistics Malta Limited** (Tlb Nru: 49/2018KCX) deċiża minn dan it-Tribunal kif hemm presedut nhar il-10 ta' Lulju 2019. Dik is-sentenza ġiet riferuta wkoll fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antoinette Duffin vs Shaun Zammit** (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nar is-16 ta' Settembru 2021.

[30] Data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm il-konvenuta, fl-aħħar tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tisħaq li m'għandux ikun hemm imgħax, it-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni għala dan huwa applikabbli. Fil-ħin tal-preżentata tal-Avviż, għalkemm huwa ċar li l-konvenuta kienet konxja qabel, l-istess konvenuta ġiet imsejħa għal ħlas ta' somma determinata.